**PARLAMENT TA’ MALTA**

**AĠENDA**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

SEDUTA NUMRU 130

It-Tnejn, 5 ta' Ġunju, 2023 fl-4:00 p.m.

**MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI**

*** 8792. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-**
Ministru għall-Ġustizzja

Jista’ l-Ministru jgħid jekk hemmx impjegati mill-Ministeru tiegħu li jmorru jiftħu u jaħdmu fl-uffiċċju/i tal-kostitwenza?

16/05/2023

*** 8793. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-**
Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur

Tista’ l-Ministru tgħid jekk hemmx impjegati mill-Ministeru tagħha li jmorru jiftħu u jaħdmu fl-uffiċċju/i tal-kostitwenza?

16/05/2023

*** 8794. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza

Jista’ l-Ministru jgħid jekk hemmx impjegati mill-Ministeru tiegħu li jmorru jiftħu u jaħdmu fl-uffiċċju/i tal-kostitwenza?

16/05/2023

*** 8795. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-**
Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal

Jista’ l-Ministru jgħid jekk hemmx impjegati mill-Ministeru tiegħu li jmorru jiftħu u jaħdmu fl-uffiċċju/i tal-kostitwenza?

16/05/2023

***	8796.	L-ONOR. REBEKAH BORG	staqsiet lill-**
Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx impjegati mill-Ministeru tiegħu li jmorru jiftħu u jaħdmu fl-uffiċċju/i tal-kostitwenza?

16/05/2023

***	8797.	L-ONOR. REBEKAH BORG	staqsiet lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx impjegati mill-Ministeru tiegħu li jmorru jiftħu u jaħdmu fl-uffiċċju/i tal-kostitwenza?

16/05/2023

***	8969.	L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA	staqsa lill-**
Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet

Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej, jgħid liema huma l-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tas-Segretarju Parlamentari li joperaw minn binjiet li huma mikrija? Jista' jgħid ukoll liema binjiet huma, meta bdew jinkrew, kemm hi l-kirja kull sena u meta tagħlaq tali kirja?

18/05/2023

***	8970.	L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA	staqsa lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, jgħid liema huma l-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tas-Segretarju Parlamentari li joperaw minn binjiet li huma mikrija? Jista' jgħid ukoll liema binjiet huma, meta bdew jinkrew, kemm hi l-kirja kull sena u meta tagħlaq tali kirja?

18/05/2023

***	8971.	L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA	staqsa lill-**
Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali, jgħid liema huma l-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tas-Segretarju Parlamentari li joperaw minn binjiet li huma mikrija? Jista' jgħid ukoll liema binjiet huma, meta bdew jinkrew, kemm hi l-kirja kull sena u meta tagħlaq tali kirja?

18/05/2023

***	8972.	L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA	staqsa lill-**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza

Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għat-Riformi u l-Ugwaljanza, jgħid liema huma l-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tas-Segretarju Parlamentari li joperaw minn binjiet li huma mikrija? Jista' jgħid ukoll liema binjiet huma, meta bdew jinkrew, kemm hi l-kirja kull sena u meta tagħlaq tali kirja?

18/05/2023

***	8973.	L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA	staqsa lill-**
Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali

Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għas-Sajd, l-Akwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali, jgħid liema huma l-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tas-Segretarju Parlamentari li joperaw minn binjiet li huma mikrija? Jista' jgħid ukoll liema binjiet huma, meta bdew jinkrew, kemm hi l-kirja kull sena u meta tagħlaq tali kirja?

18/05/2023

***	9018.	L-ONOR. IAN VASSALLO	staqsa lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8813, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm ġew affettwati pazjenti meta l-mediċina Fluorouracil (kimoterapija) kienet out of stock f'Mejju 2023?

23/05/2023

***	9019.	L-ONOR. IAN VASSALLO	staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8814, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur, u jgħid kemm kien hemm permessi ġodda għal post ta' parkeġġ riservat (kaxxa blu) maħruġa sena b'sena fl-aħħar għaxar snin u maqsuma lokalità b'lokalità?

23/05/2023

***	9020.	L-ONOR. IAN VASSALLO	staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8815, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur, u jgħid kemm hemm postijiet ta' parkeġġ riservat (kaxxa blu) f'kull lokalità?

23/05/2023

***	9051.	L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI	staqsa lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm studenti li ma komplewx il-perkors kollu tal-iskola fl-Iskola Nazzjonali tal-Isport matul dawn l-aħħar ħames snin?

23/05/2023

***	9052.	L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI	staqsa lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm studenti li matul il-perkors tal-iskola fl-Iskola Nazzjonali tal-Isport biddlu l-isport li jistudjaw matul dawn l-aħħar ħames snin?

23/05/2023

***	9053.	L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI	staqsa lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru jgħid għaliex is-SEC Performance Statistic mhux updated fuq il-website tal-Iskola Nazzjonali tal-Isport? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra dan it-tali rapport sena b'sena għall-perjodu mill-2014 sal-2021?

23/05/2023

***	9054.	L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI	staqsa lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru jgħid kif intgħażel iċ-ċikliżmu bħala sport biex ikun mgħallem fl-Iskola Nazzjonali tal-Isport meta dan ma kien jidher fl-ebda kriterja fuq il-website tal-iskola u allura ma setgħux jagħżluh l-istudenti għas-sena skolastika 2021-2022?

23/05/2023

***	9055.	L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI	staqsa lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru jelenka l-kriterji li fuqhom qed jintgħażlu l-istudenti għall-Iskola Nazzjonali tal-Isport? Jista' jgħid ukoll jekk l-assessuri humiex ikkwalifikati fid-dixxiplini sportivi rispettivi li jkunu qed jassessjaw?

23/05/2023

***	9056.	L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI	staqsa lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru jgħid kemm-il kamp ta' taħriġ ġie organizzat barra minn Malta mill-Iskola Nazzjonali tal-Isport għal dawn l-aħħar ħames snin, kemm ipparteċipaw studenti f'kull taħriġ, min akkumpanja lill-istudenti f'kull taħriġ u kemm kienet in-nefqa għal kull taħriġ?

23/05/2023

***	9088.	L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA	staqsa lill-**
Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol

Jista' l-Ministru jgħid kemm ħarġu multi l-Malta Business Registry (MBR), xahar b'xahar, mill-2018 sad-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija, u kemm tħallsu xahar b’xahar għall-istess perjodu?

24/05/2023

***	9108.	L-ONOR. IVAN BARTOLO	staqsa lill-**
Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol

Jista’ l-Ministru jgħid kemm għandu ħaddiema mal-kuntrattur fid-dekasteru tiegħu, u f’liema rwoli?

24/05/2023

*** 9109. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru jgħid kemm għandu ħaddiema mal-kuntrattur fid-dekasteru tiegħu, u f'liema rwoli?

24/05/2023

*** 9110. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-**
Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar

Jista' l-Ministru jgħid kemm għandu ħaddiema mal-kuntrattur fid-dekasteru tiegħu, u f'liema rwoli?

24/05/2023

*** 9111. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-**
Ministru għall-Ġustizzja

Jista' l-Ministru jgħid kemm għandu ħaddiema mal-kuntrattur fid-dekasteru tiegħu, u f'liema rwoli?

24/05/2023

*** 9112. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-**
Ministru għall-Anzjanità Attiva

Jista' l-Ministru jgħid kemm għandu ħaddiema mal-kuntrattur fid-dekasteru tiegħu, u f'liema rwoli?

24/05/2023

*** 9113. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-**
Uffiċċju tal-Prim Ministru

Jista' l-Prim Ministru jgħid għaliex is-sit elettroniku uffiċjali tal-Gvern (www.gov.mt) m'għadux juri l-ismijiet tal-membri appuntati mill-Gvern tal-aġenziji u bordijiet tal-Gvern?

24/05/2023

*** 9144. L-ONOR. CHRIS SAID staqsa lill-**
Ministru għal Għawdex

Jista' l-Ministru jgħid x'għamel s'issa u x'beħsiebu jagħmel fil-futur qarib dwar parti minn Triq Mons Giuseppi De Piro ġewwa ż-Żebbuġ, Għawdex, peress li f'dawn l-aħħar xhur parti minn din it-triq bdiet iċċedi u tisfronda u f'dawn l-aħħar ġimgħat saħansitra ngħalqet kompletament bil-barriers? Jista' jgħid jekk fil-preżent hemmx periklu għar-residenti li għandhom id-djar f'din il-parti ta' din l-imsemmija triq? Jista' jgħid ukoll jekk marx perit tal-Gvern fuq il-post u x'ġie deċiż?

24/05/2023

*** 9145. L-ONOR. CHRIS SAID staqsa lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma r-raġunijiet għala f'dawn l-aħħar ġimgħat id-Dipartiment tal-Edukazzjoni ġewwa Għawdex, li mid-9 ta' Settembru 2022 kien beda jopera u jaħdem mill-Gozo Innovation Hub ġewwa x-Xewkija, ma baqax jopera? Jista' jgħid fil-preżent fejn qed jopera dan id-Dipartiment u l-ħaddiema kollha li kien hemm?

24/05/2023

*** 9146. L-ONOR. CHRIS SAID staqsa lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8730 u allura jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 7810, li oriġinarjament saret lill-Ministru għal Għawdex, u jgħid liema faċilitajiet f'Għawdex se jintużaw għal xi parti mil-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar li mistennija jsiru f'Malta dalwaqt? Liema dixxiplini se jsiru f'dawn il-faċilitajiet? Jista' jgħid ukoll jekk kienx hemm faċilitajiet oħrajn li kienu qed jiġu kkonsidrati li jintużaw għal dawn il-logħob, iżda issa mhux se jintużaw u fil-każ, x'inhi r-raġuni?

24/05/2023

*** 9168. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI staqsa lill-**
Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7954, jista' l-Ministru jgħid jekk itteħdux passi biex Triq San Ġwann, fil-Belt Valletta, tiġi rranġata fil-parti indikata fl-istess mistoqsija?

25/05/2023

*** 9169. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI staqsa lill-**
Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7954, jista' l-Ministru jgħid jekk itteħdux passi biex Triq San Ġwann, fil-Belt Valletta, tiġi rranġata fil-parti indikata fl-istess mistoqsija?

25/05/2023

*** 9170. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI staqsa lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8714 u jgħid meta se jkunu lesti l-faċilitajiet sanitarji fil-kumpless il-ġdid tal-Handball fil-Ħamrun? Jista' jgħid ukoll meta se jinbnew l'hekk imsejħin changing rooms għall-atleti u meta se tibda taħdem l-iscore board?

25/05/2023

*** 9171. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI staqsa lill-**
Ministru għat-Turiżmu

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7954, jista' l-Ministru jgħid jekk itteħdux passi biex Triq San Ġwann, fil-Belt Valletta, tiġi rranġata fil-parti indikata fl-istess mistoqsija?

25/05/2023

*** 9172. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7954, jista' l-Ministru jgħid jekk itteħdux passi biex Triq San Ġwann, fil-Belt Valletta, tiġi rranġata fil-parti indikata fl-istess mistoqsija?

25/05/2023

*** 9173. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI staqsa lill-**
Ministru għat-Turiżmu

Jista’ l-Ministru jgħid x’xogħlijiet qed isiru jew huma previsti li jsiru fi Triq ix-Xatt, fix-Xgħajra, fil-parti magħrufa aħjar bħala Tal-Milord?

25/05/2023

*** 9198. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG staqsiet lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Jista' l-Ministru jgħid, sena b'sena, mis-sena 2014 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija, kemm kien il-valur finanzjarju ta’ donazzjonijiet li l-Ministeru u/jew l-entitajiet (fosthom awtoritajiet) li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, taw lill-Fondazzjoni li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament? Jista' jispeċifika meta donazzjoni kienet waħda finanzjarja u meta kienet għoti ta' servizz b'xejn jew makkinarju eċċ. u l-valur ta' tali għotja?

25/05/2023

*** 9199. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG staqsiet lill-**
Ministru għal Għawdex

Jista' l-Ministru jgħid, sena b'sena, mis-sena 2014 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija, kemm kien il-valur finanzjarju ta’ donazzjonijiet li l-Ministeru u/jew l-entitajiet (fosthom awtoritajiet) li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, taw lill-Fondazzjoni li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament? Jista' jispeċifika meta donazzjoni kienet waħda finanzjarja u meta kienet għoti ta' servizz b'xejn jew makkinarju eċċ. u l-valur ta' tali għotja?

25/05/2023

*** 9200. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG staqsiet lill-**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza

Jista' l-Ministru jgħid, sena b'sena, mis-sena 2014 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija, kemm kien il-valur finanzjarju ta’ donazzjonijiet li l-Ministeru u/jew l-entitajiet (fosthom awtoritajiet) li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, taw lill-Fondazzjoni li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament? Jista' jispeċifika meta donazzjoni kienet waħda finanzjarja u meta kienet għoti ta' servizz b'xejn jew makkinarju eċċ. u l-valur ta' tali għotja?

25/05/2023

*** 9201. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG staqsiet lill-**
Ministru għat-Turiżmu

Jista' l-Ministru jgħid, sena b'sena, mis-sena 2014 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija, kemm kien il-valur finanzjarju ta’ donazzjonijiet li l-Ministeru u/jew l-entitajiet (fosthom awtoritajiet) li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, taw lill-Fondazzjoni li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament? Jista' jispeċifika meta donazzjoni kienet waħda finanzjarja u meta kienet għoti ta' servizz b'xejn jew makkinarju eċċ. u l-valur ta' tali għotja?

25/05/2023

***	9202.	L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG	staqsiet lill-**
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża

Tista' l-Ministru tgħid, sena b'sena, mis-sena 2014 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija, kemm kien il-valur finanzjarju ta' donazzjonijiet li l-Ministeru u/jew l-entitajiet (fosthom awtoritajiet) li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tagħha, taw lill-Fondazzjoni li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament? Tista' tispeċifika meta donazzjoni kienet waħda finanzjarja u meta kienet għoti ta' servizz b'xejn jew makkinarju eċċ. u l-valur ta' tali għotja?

25/05/2023

***	9203.	L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG	staqsiet lill-**
Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol

Jista' l-Ministru jgħid, sena b'sena, mis-sena 2014 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija, kemm kien il-valur finanzjarju ta' donazzjonijiet li l-Ministeru u/jew l-entitajiet (fosthom awtoritajiet) li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, taw lill-Fondazzjoni li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament? Jista' jispeċifika meta donazzjoni kienet waħda finanzjarja u meta kienet għoti ta' servizz b'xejn jew makkinarju eċċ. u l-valur ta' tali għotja?

25/05/2023

***	9221.	L-ONOR. CHRIS SAID	staqsa lill-**
Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8719, u fid-dawl ta' almenu żewġ sentenzi riċenti tal-Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) (ara sentenzi fil-każ tal-Phoenix Payments Limited mogħtija fit-30 ta' Marzu 2023, u tal-Insignia Cards Limited mogħtija fl-24 ta' Mejju 2023) kontra penalitajiet tal-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU) u l-possibbiltà jew mhux probabbiltà li s-sentenzi sussegwenti fil-kawżi msemmija fl-imsemmi tweġiba jkunu fl-istess vena, jista' l-Ministru jgħid jekk humiex qed jiġu kkunsidrati emendi leġiżlattivi fil-konfront tal-liġijiet li jirregolaw il-poteri tal-FIAU biex jimponi penalitajiet sostanzjali?

26/05/2023

***	9225.	L-ONOR. GRAZIELLA GALEA	staqsiet lill-**
Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali

Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm każi ta' klieb, qtates u annimali oħrajn (f'dak il-każ jispeċifika x'annimali kienu) li ttieħdu mingħand sidhom mill-Animal Welfare minn Jannar 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Kemm minn dawn l-annimali ngħataw lura lil sidhom u x'kienet ir-raġuni li ngħataw lura?

26/05/2023

***	9226.	L-ONOR. GRAZIELLA GALEA	staqsiet lill-**
Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali

Jista' l-Ministru jgħid jekk hux qed isir xi kontroll partikolari biex jiġi assigurat li jkun hemm kontroll fuq in-naħal li jinġieb Malta minn pajjiżi oħrajn? Kif jiġi ċċertifikat in-naħal li jinġieb Malta minn pajjiżi oħrajn?

26/05/2023

***	9227.	L-ONOR. GRAZIELLA GALEA	staqsiet lill-**
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5184 dwar tqegħid ta' main ġdid tad-drenaġġ fi Triq ix-Xagħra tal-Bandieri, San Pawl il-Baħar, tista' l-Ministru tgħid xi żviluppi kien hemm dwar dan ix-xogħol?

26/05/2023

***	9231.	L-ONOR. GRAZIELLA GALEA	staqsiet lill-**
Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari numru 8698, tista' l-Ministru tgħid liema huma dawk l-uffiċini li preżentement qegħdin iservu ta' one-stop-shop sabiex jiffaċilitaw is-servizzi offruti lill-għaqdiet volontarji? Fejn jinsabu?

26/05/2023

***	9250.	L-ONOR. GRAZIELLA GALEA	staqsiet lill-**
Ministru għall-Ġustizzja

Jista' l-Ministru jgħid kemm hu n-numru ta' inkjesti li għaddejjin bħalissa fil-Qrati Maltin għal dak li jirrigwarda ħsarat jew imwiet fuq is-siti ta’ kostruzzjoni? F’liema siti ta’ kostruzzjoni għadhom għaddejjin dawn l-inkjesti?

29/05/2023

***	9251.	L-ONOR. GRAZIELLA GALEA	staqsiet lill-**
Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

Jista' l-Ministru jgħid liema huma r-regoli li jiġu applikati mill-kunsilli lokali meta jiġu biex jagħtu permessi biex jitpoġġa xi krejn jew tagħmir ieħor fit-toroq, meta tkun ser tingħalaq xi triq, jew f'ċirkostanzi oħra simili li fihom residenti jkollhom bżonn jużaw parti mit-triq għal xi ħaġa personali? Jista’ jgħid jekk il-ħlasijiet mitluba humiex l-istess għal kull lokalità f'Malta u Għawdex? Jista' jgħid ukoll jekk permess jistax jinħareġ għal inqas minn 48 siegħa wara li jintalab? Jekk iva, hemm ħlas addizzjonali?

29/05/2023

***	9252.	L-ONOR. DARREN CARABOTT	staqsa lill-**
Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar

Jista’ l-Ministru jgħid kemm-il laqgħa saret, jekk kien hemm, bejn l-Awtorità tal-Ippjanar u Kunsilli Lokali f’din l-aħħar sena? Jista’ jagħti d-dati ta’ dawn il-laqgħat u jgħid ma’ liema Kunsilli Lokali ltaqgħu, min kien preżenti u x’kien is-suġġett diskuss?

29/05/2023

***	9253.	L-ONOR. DARREN CARABOTT	staqsa lill-**
Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

B’referenza għall-programm ta’ attivitajiet imfassal mill-Kumitat Organizzattiv għat-30 Anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali, jista’ l-Ministru jgħid għalfejn il-ħaddiema tad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali mhumiex mistiedna?

29/05/2023

* 9254. **L-ONOR. DARREN CARABOTT** **staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Jista' l-Ministru jipprovdi tabella bil-messaġġi li ntwerew fuq l-iscreens elettroniċi tat-traffiku li hawn installati madwar pajjiżna għal dawn l-aħħar tliet xhur?

29/05/2023

* 9255. **L-ONOR. DARREN CARABOTT** **staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Jista' l-Ministru jgħid kemm swew l-iscreens elettroniċi tat-traffiku li hawn installati madwar pajjiżna biex inxtraw? Jista' jgħid ukoll kemm swiet it-tiswija jew iċ-ċaqliq tagħhom, kif ukoll kemm jiswew biex jibqgħu jaħdmu?

29/05/2023

* 9256. **L-ONOR. DARREN CARABOTT** **staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Jista' l-Ministru jgħid kemm swew l-iscreens elettroniċi tat-traffiku li hawn installati madwar pajjiżna u x'effett pożittiv ħallew fuq il-qagħda tat-traffiku?

29/05/2023

* 9257. **L-ONOR. CHRIS SAID** **staqsa lill-**
Ministru għal Għawdex

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8148 u jgħid x'għamel s'issa u x'beħsiebu jagħmel fil-futur qarib rigward Triq Għajn Mhelhel li miż-Żebbug Għawdex twasslek għax-Xwejni peress li f'dawn l-aħħar xhur f'parti minn din it-triq, proprju fil-kantuniera qrib id-daħla tax-Shooting Range, it-triq bdiet iċċedi u tisfronda? Jista' jgħid jekk fil-preżent hemmx periklu għan-nies u għall-vetturi li jgħaddu minn din l-imsemmija triq? Jista' jgħid ukoll jekk marx perit tal-Gvern fuq il-post u x'ġie deċiż?

29/05/2023

* 9258. **L-ONOR. CHRIS SAID** **staqsa lill-**
Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar

Jista' l-Ministru jgħid fiex wasal il-proċess biex jinbnew uffiċini ġodda jew jittranġaw l-uffiċini tal-Awtorità tal-Ippjanar li kien hemm fi Triq il-Kapuċċini kantuniera ma' Triq Sir Luigi Camilleri, ġewwa r-Rabat Għawdex, peress li sa ftit tas-snin ilu din il-binja kienet tintuża ta' kuljum mill-ħaddiema u klijenti tal-Awtorità tal-Ippjanar u llum tinsab magħluqa fi stat ta' abbandun?

29/05/2023

* 9260. **L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** **staqsa lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk l-apparat li jintuża biex isiru l-implants tal-widnejn għall-persuni neqsin mis-smigħ fl-Isptar Mater Dei huwiex bil-ħsara? Jekk iva, kemm ilu hekk u meta huwa maħsub li jerġa' jibda jitħaddem b'mod normali?

29/05/2023

***  9261. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8348, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm huma l-ammonti ta' ħaddiema impjegati minn kull waħda mil-lokalitajiet imsemmija?

29/05/2023

***  9262. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI staqsa lill-**
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża

Tista' l-Ministru tgħid kemm se jiġi jiswa l-"Pocket garden" Green Shelter imħabbar ftit tal-ġranet ilu għal ġewwa l-Gżira?

29/05/2023

***  9263. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI staqsa lill-**
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża

Tista' l-Ministru tgħid kemm hemm 'area' ta' ħamrija u veġitazzjoni fil-"Pocket garden" Green Shelter imħabbar ftit tal-ġranet ilu għal ġewwa l-Gżira?

29/05/2023

***  9292. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI staqsiet lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Jista' l-Ministru jgħid jekk intilfux parkeġġi fi Triq il-Kbira San Ġużepp, f'Santa Venera, fil-proġett ta' tisbiħ li qiegħed isir? Jekk iva, jista' jgħid kemm-il parkeġġ intilef u jekk hemmx pjanijiet biex il-parkeġġi li ntilfu, jiġu rkuprati?

29/05/2023

***  9293. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8610 u ċjoè:
B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 6173 u 6776, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-istess informazzjoni għas-sena 2022?

29/05/2023

***  9294. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9029 dwar kemm ġew impjegati persuni ġodda fl-awtoritajiet u l-entitajiet kollha li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, jista' l-Ministru jispeċifika f'tabella l-ammont ta' kemm minn dawn l-impjegati ġejjin minn kull lokalità?

29/05/2023

***	9297.	L-ONOR. DARREN CARABOTT	staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9000, jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija fl-intier tagħha u jgħid kemm-il darba l-lifts tal-pont ta' bejn il-Marsa u Ħal Qormi kellhom il-ħsara u/jew ma kenux qegħdin joperaw matul din l-aħħar sena?

30/05/2023

***	9301.	L-ONOR. IVAN CASTILLO	staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8920, li oriġinarjament saret lill-Ministru għal Għawdex, u jgħid kemm dgħajjes li huma reġistrati MFA u MFB ingħataw irmiġġ fil-Port tal-Imġarr bejn:
Jannar 2022 - April 2022;
Mejju 2022 -Awwissu 2022;
Settembru 2022 - Diċembru 2022; u
Jannar 2023 - April 2023?

30/05/2023

***	9302.	L-ONOR. IVAN CASTILLO	staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8921, li oriġinarjament saret lill-Ministru għal Għawdex, u jgħid kif tingħata l-allokazzjoni tal-irmiġġi fil-Port tal-Imġarr? Jista' jgħid jekk kienx hemm bidla fil-politika għall-allokazzjoni tal-irmiġġi u kif din hi differenti u meta nbidlet?

30/05/2023

***	9303.	L-ONOR. IVAN CASTILLO	staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8922, li oriġinarjament saret lill-Ministru għal Għawdex, u jikkonferma li l-"policy" kienet dejjem li tingħata prijorità lill-bastimenti li l-ħaddiema jiddependu fuqhom għall-għajxien tagħhom, bħas-sajjieda u l-bastimenti relatati mat-turiżmu?

30/05/2023

***	9304.	L-ONOR. IVAN CASTILLO	staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8923, li oriġinarjament saret lill-Ministru għal Għawdex, u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra dokumenti biex jikkonferma li ma kien hemm ebda talba pendenti għal irmiġġ minn MFA jew MFB matul l-aħħar tliet snin fejn dgħajjes irreġistraw "S" minflok ingħataw irmiġġ?

30/05/2023

***	9305.	L-ONOR. IVAN CASTILLO	staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8924, li oriġinarjament saret lill-Ministru għal Għawdex, u jikkonferma li l-ebda bastiment ieħor irreġistrat "S" ma ngħata preċedenza fuq bastiment tal-MFA jew MFB jew bastiment kummerċjali minn mindu sar Ministru?

30/05/2023

*** 9306. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8919, li oriġinarjament saret lill-Ministru għal Għawdex, u jgħid kemm dgħajjes li huma reġistrati "S" ingħataw irmiġġ fil-Port tal-Imġarr bejn:
Jannar 2022 - April 2022;
Mejju 2022 - Awwissu 2022;
Settembru 2022 - Diċembru 2022; u
Jannar 2023 - April 2023?

30/05/2023

*** 9307. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lill-**
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża

Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 8830, li oriġinarjament saret lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali, u tgħid jekk hemmx pjan li jitkompla x-xogħol fis-sistemi tad-drenaġġ u asfaltar fi Triq it-Turretta, Ħad-Dingli?

30/05/2023

*** 9308. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8835 u jgħid jekk kienx hemm membri ta' xi union/s li ġew maħtura fuq xi bord fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni f'dawn l-aħħar sentejn?

30/05/2023

*** 9309. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-**
Ministru għall-Anzjanità Attiva

Jista' l-Ministru jgħid kemm kien in-numru ta' anzjani residenti fid-Dar tal-Anzjani ta' Bormla għas-snin 2021, 2022 u 2023, xahar b'xahar?

30/05/2023

*** 9310. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-**
Ministru għall-Anzjanità Attiva

Jista' l-Ministru jgħid kemm iddaħħlu anzjani residenti ġodda fid-Dar tal-Anzjani ta' Bormla bejn Ġunju 2022 u Mejju 2023, xahar b'xahar?

30/05/2023

*** 9311. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-**
Ministru għall-Anzjanità Attiva

B'referenza għall-istqarrija mill-Ministeru li ġiet ippubblikata ftit ġranet ilu dwar l-għeluq tad-Dar tal-Anzjani ta' Bormla, jista' l-Ministru:
1. jagħti d-data jew ix-xahar ta' meta effettivament se tagħlaq id-Dar tal-Anzjani ta' Bormla;
2. meta se jibda x-xogħol ta' rinovar;
3. fiex se jkun qed jikkonsisti dan ir-rinovar;

4. jgħid jekk hux diġà nġiebu l-permessi meħtieġa sabiex jibda x-xogħol u jekk le, liema permessi għadhom ma nġibux u f'liema stadju waslu;
5. meta huwa ppjanat li se jkun lest ix-xogħol kollu sabiex id-dar tkun lesta ħalli tilqa' mill-ġdid l-anzjani; u
6. meta effettivament se tiftaħ il-bibien tagħha u tibda tirċievi l-anzjani mill-ġdid?

30/05/2023

*** 9312. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-**
Ministru għall-Anzjanità Attiva

Jista' l-Ministru jgħid kemm hija l-kapaċità massima ta' sodod illum fid-Dar tal-Anzjani ta' Bormla u kemm se tkun wara li jitlesta r-rinovar ippjanat?

30/05/2023

*** 9313. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-**
Ministru għall-Anzjanità Attiva

Jista' l-Ministru jikkonferma li dik li llum hija d-Dar tal-Anzjani ta' Bormla, wara li jsir ir-rinovar imħabbar, l-istess dar fl-intier tagħha se tibqa' sservi biss għall-istess skop u għall-ebda skop alternattiv?

30/05/2023

*** 9314. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-**
Ministru għall-Anzjanità Attiva

B'referenza għall-anzjani li se jiġu trasferiti mid-Dar tal-Anzjani ta' Bormla minħabba l-proġett tar-rinovar, jista' l-Ministru jgħid fejn huwa ppjanat li se jiġu trasferiti r-residenti ta' din id-dar? Se jkollhom opportunità li jagħżlu fejn jixtiequ jmorru jew se tkun imposta fuqhom deċiżjoni mill-Gvern?

30/05/2023

*** 9328. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR staqsiet lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9175, jista' l-Ministru jgħid x'inhu n-numru ta' studenti neqsin mis-smigħ li rnexxielhom jgħaddu mill-eżamijiet tal-MATSEC (O'Levels u A'Levels) f'dawn l-aħħar għaxar snin?

30/05/2023

*** 9339. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9028, peress li qed nifhem li x-xogħol kollu huwa lest, jista' l-Ministru jikkonferma dan il-fatt u jgħid ukoll meta huwa stmat li jaslu l-fenders u meta se jitwaħħlu?

30/05/2023

*        9342.        **L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG**        **staqsa lill-**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza

Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-call logs tat-23 u tal-24 ta' Mejju 2023 bejn Alarm Phone u r-Rescue Coordination Centre, Forzi Armati ta' Malta (AFM), fir-rigward tad-dgħajsa li kienet fil-periklu u li kellha abbord madwar 500 persuna u li kienet fis-Search and Rescue Zone ta' Malta bil-koordinati N 34.55, E 019.45 fit-23 ta' Mejju? X'aċċertamenti u x'azzjonijiet ittieħdu dwar din id-dgħajsa? Jista' jgħid jekk ġietx ikkordinata operazzjoni ta' salvataġġ mill-istess Rescue Coordination Centre?

30/05/2023

*        9343.        **L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG**        **staqsa lill-**
Ministru għall-Ġustizzja

Jista' l-Ministru jgħid min huma l-persuni li nħatru membri tat-tliet Diviżjonijiet tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni? Jista' jagħti lista tal-irwoli u/jew ħatriet oħra li għandhom dawn il-membri mas-Servizz Pubbliku jew ma' xi entitajiet pubbliċi?

30/05/2023

*        9344.        **L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG**        **staqsa lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jipprovdi l-istatistika li turi kemm daħlu pazjenti fil-klinika tad-distrett tal-Isla (Senglea District Clinic), mill-2018 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, li ġew dijanjostikati b'sintomi ta' mard respiratorju komuni bħall-asthma, Chronic Obstrucive Pulmonary Disease (COPD), Occupational Lung Diseases u Pulmonary Hypertension?'

30/05/2023

*        9345.        **L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG**        **staqsa lill-**
Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8988 fejn jingħad "illi l-Awtorità tal-Ippjanar taġixxi kif stabbilit fl-Att dwar l-Ippjanar", jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-policy għar-rigward tal-proċeduri ta' infurzar?

30/05/2023

*        9346.        **L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG**        **staqsa lill-**
Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar

B'referenza għall-enforcement notice EC00310/15, li nħarġet fl-2015, jista' l-Ministru jgħid x'qed iżomm lill-Awtorità milli timxi fuq din l-enforcement notice? Kemm huma l-penali f'dan ir-rigward u jekk dawn tħallsux? Jekk iva, jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-irċevuta biex il-pubbliku jkun jaf jekk verament kienx hemm il-ħlasijiet dovuti bil-liġi?

30/05/2023

*        9347.        **L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG**        **staqsa lill-**
Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar

Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx enforcement department, kemm huma l-membri ta' dan id-dipartiment u min huwa l-kap tiegħu?

30/05/2023

* 9357. **L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** **staqsa lill-**
Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar

Jista’ l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 7757 u jgħid kemm tħallsu s’issa mill-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni (BCA) il-konsulenti li qed joffru konsulenza dwar il-building codes u jipprovdi lista ta' dawn il-konsulenti u għal kull każ jgħid jekk dan kienx direct order jew ingħatax permezz ta' tender?

30/05/2023

* 9358. **L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** **staqsa lill-**
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8032, tista' l-Ministru tgħid fiex kien jikkonsisti l-materjal gradat għall-istabbilizzazzjoni tal-għoljiet f'Wied Fulija u kemm kienet il-kwantità li tpoġġiet minn kull tip ta' materjal gradat?

30/05/2023

* 9359. **L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** **staqsa lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx persons of trust assenjati mal-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija u jekk hemm, kemm hemm u kemm hi r-remunerazzjoni grossa annwali tagħhom f'daqqa?

30/05/2023

* 9360. **L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** **staqsa lill-**
Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet

Jista’ l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 512 u 8047 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista li turi l-area, il-valur ta' kumpens dovut u l-lokalità ta' artijiet li ġew meħuda mill-Gvern mill-1990 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din id-domanda u li għadhom ma ġewx ikkumpensati b'mod sħiħ? Tista' tingħata d-data għal kull każ meta se jingħata l-kumpens dovut u l-ammont tal-kumpens?

30/05/2023

* 9361. **L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** **staqsa lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8042, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm-il kreditur u kemm kien il-valur li kien għadu ma tħallasx sa 30 jum, sa 60 jum u aktar minn 60 jum mid-data tal-invoice sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din id-domanda u jaqsam din l-informazzjoni bejn fornituri ta' mediċini, lokali u dawk barranin?

30/05/2023

* 9362. **L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** **staqsa lill-**
Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet

Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-ftehim li l-Gvern Malti kien għamel ma’ investituri barranin fis-snin tmenin dwar l-art fejn inbniet il-Lukanda Jerma?

30/05/2023

* 9364. **L-ONOR. DAVID AGIUS** **staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Jista' l-Ministru jgħid jekk ċiklisti jistgħux jużaw il-flyover tal-Kappara? Jista' jgħid ukoll jekk hux se jiġu installati sinjali ġodda għaċ-ċiklisti f'din iż-żona?

31/05/2023

* 9365. **L-ONOR. DAVID AGIUS** **staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Jista' l-Ministru jgħid għalfejn is-cycle lane li suppost tgħaqqad l-Università mal-Kappara għadha mhix kompluta u mqabbda?

31/05/2023

* 9366. **L-ONOR. DAVID AGIUS** **staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Jista' l-Ministru jgħid għalfejn il-bus lane fil-Pietà għadha mhux qed tintuża?

31/05/2023

* 9367. **L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** **staqsiet lill-**
Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 8417 u 9080 u jgħid kemm kien hemm social workers jaħdmu mal-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS), sena b'sena, mis-sena 2012 sas-sena 2022? Għal kull sena jista' jgħid:
a. kemm minn dawn il-professjonisti telqu mill-FSWS;
b. kemm minn dawn il-professjonisti ħadu transfer fi ħdan l-istess fondazzjoni biex saru Terapisti jew Counsellors; u
ċ. kemm minn dawn il-professjonisti ħadu kariga fil-Management fi ħdan l-FSWS?

31/05/2023

* 9368. **L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** **staqsiet lill-**
Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 9081 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8418, jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari fl-intier tagħha u jispeċifika f'termini ta' numru u kategoriji l-kwalifiki li għandhom dawn is-Social Welfare Professionals fi ħdan il-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS) (ċjoè skont is-suġġett u/jew kategorija tal-kwalifika f'Livell 6 fl-Istudji Umanistiċi)?

31/05/2023

* 9369. **L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** **staqsiet lill-**
Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 8634 u 9082 u jagħti klassifikazzjoni tas-servizzi li rrikorrew għalihom it-22,007 persuni li talbu l-għajnuna tal-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS) matul l-2022?

31/05/2023

***     9370.     L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-**
Ministru għall-Ġustizzja

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 9083 u jgħid kemm kien hemm missirijiet u ommijiet li fis-sena 2022 instabu ħatja ta' ksur tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta) artikolu 338(z), dwar in-nuqqas ta' ħlas tal-manteniment, u artikolu 338(II), dwar in-nuqqas ta' aċċess ta' wlied minuri, u kemm weħlu twissijiet, multi, ħabs sospiż u/jew priġunerija?

31/05/2023

***     9371.     L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-**
Ministru għall-Ġustizzja

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 9084 u jgħid kemm kien hemm missirijiet u ommijiet li fis-sena 2020 effettivament instabu ħatja ta' ksur tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta) artikolu 338(z), dwar in-nuqqas ta' ħlas tal-manteniment, u artikolu 338(II), dwar in-nuqqas ta' aċċess ta' wlied minuri, u kemm weħlu twissijiet, multi, ħabs sospiż u/jew priġunerija?

31/05/2023

***     9379.     L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR     staqsiet lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Fid-dawl li fl-2019 il-Parlament Malti approva abbozz ta' liġi intiż li jillegalizza u jirregolarizza l-kremazzjoni f'pajjiżna iżda sfortunatament, dan is-servizz għadu ma bediex jingħata, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid fiex wasal il-proċess li għandu jwassal biex f'pajjiżna jinbena l-ewwel krematorju?

31/05/2023

***     9381.     L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI     staqsiet lill-**
Ministru għall-Anzjanità Attiva

Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra r-rapporti kollha li abbażi tagħhom ittieħdet id-deċiżjoni fil-Kabinett tal-Ministri li d-Dar Residenzjali tal-Anzjani ta' Bormla titwaqqa'? Jista' jqiegħed ukoll fuq il-Mejda tal-Kamra r-rapporti kollha tal-periti involuti kif ukoll ir-rapporti kollha li saru mill-konsulenti li tqabbdu apposta fuq dan il-proġett?

31/05/2023

***     9382.     L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI     staqsiet lill-**
Ministru għall-Anzjanità Attiva

Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-applikazzjoni jew applikazzjonijiet u l-pjanti kollha relattivi li saru mal-Awtorità tal-Ippjanar fuq it-twaqqigħ u l-bini mill-ġdid tad-Dar Residenzjali tal-Anzjani ta' Bormla?

31/05/2023

***     9383.     L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI     staqsiet lill-**
Ministru għall-Anzjanità Attiva

Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-costs-benefit analysis report li sar fir-rigward tad-Dar Residenzjali tal-Anzjani ta' Bormla?

31/05/2023

***  9384.  L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI  staqsiet lill-**
Ministru għall-Anzjanità Attiva

Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra r-rapport li sar mill-Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali rigward it-twaqqigħ u l-bini mill-ġdid tad-Dar Residenzjali tal-Anzjani ta' Bormla?

31/05/2023

***  9387.  L-ONOR. CARMELO ABELA  staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

B’referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8934, peress li ninsab infurmat li x-xogħlijiet huma lesti u ċerti ostakli tneħħew, jista’ l-Ministru jara li Infrastructure Malta tagħmel ix-xogħlijiet tad-drenaġġ u l-ilma li huma tant meħtieġa sabiex in-nies jidħlu fir-residenzi ta’ din l-istess triq?

31/05/2023

***  9388.  L-ONOR. CARMELO ABELA  staqsa lill-**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza

Jista’ l-Ministru jindika kemm kien id-dħul tal-Gvern miċ-ċitazzjonijiet tat-traffiku li saru mis-sena 2021 sal-ġurnata li fiha qed issir din il-mistoqsija parlamentari fil-lokalità ta’ Wied il-Għajn?

31/05/2023

***  9389.  L-ONOR. CARMELO ABELA  staqsa lill-**
Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

Jista’ l-Ministru jgħid jekk il-Kunsill Lokali ta’ Marsaskala huwiex se jerġa’ jibda jibgħat rivista ta’ kull sena lir-residenti?

31/05/2023

***  9390.  L-ONOR. CARMELO ABELA  staqsa lill-**
Ministru għat-Turiżmu

Jista’ l-Ministru jgħid xi proġetti se jsiru mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) fil-lokalità ta’ Wied il-Għajn matul din is-sena?

31/05/2023

***  9391.  L-ONOR. CARMELO ABELA  staqsa lill-**
Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

Jista’ l-Ministru jgħid liema huma dawk il-Kunsilli Lokali li ppromwovew l-anzjanità attiva fil-komunitajiet tagħhom f’dawn l-aħħar tliet snin?

31/05/2023

***  9392.  L-ONOR. RYAN CALLUS  staqsa lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista’ l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 9223 u jgħid jekk jeżistix filter fit-tablet li jingħata lil studenti mir-Raba’ sena ’il fuq sabiex jiffiltra dak li jista’ jkun aċċessibli fuq l-internet għat-tfal ta’ din l-età?

31/05/2023

***	9393.	L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT	staqsa lill-**
Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

Jista' l-Ministru jgħid jekk huwiex minnu li nfetħet kawża fil-Qorti sabiex il-binja li bħalissa tinsab okkupata mill-Kunsill Lokali Gudja tiġi rritornata lura lis-sidien oriġinali? Jekk iva, jista' jgħid xi pjanijiet u alternattivi hemm għall-Kunsill f'każ li dan iseħħ? Jista' jgħid jekk hemmx Kunsilli Lokali oħra li qegħdin jiffaċċjaw l-istess sitwazzjoni?

31/05/2023

***	9413.	L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT	staqsa lill-**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8723, jista' l-Ministru jgħid x'jiġri mill-vetturi li jkunu qed jokkupaw l-ispazju fil-compound ta' Ta' Kandja? Jista' jgħid jekk dawn jiġux irkantati jew scrapped, u jekk iva, wara kemm żmien? Jekk iva, jista' jipprovdi tabella ta' kemm vetturi ġew irkantati jew scrapped mill-compound għal kull xahar minn Jannar 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

31/05/2023

***	9453.	L-ONOR. IAN VASSALLO	staqsa lill-**
Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 9005 u jgħid kemm mid-29-il psikoterapista li ngħataw il-warrant se jaħdmu fis-settur pubbliku u f'liema dipartimenti?

01/06/2023

***	9465.	L-ONOR. TONI BEZZINA	staqsa lill-**
Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar

B'referenza għall-Iskema 'Irrestawra Darek' tal-2023 maħruġa mill-Awtorità tal-Ippjanar li għalqet fit-30 ta' Mejju 2023, jista' l-Ministru jgħid x'inhi r-raġuni li l-applikazzjonijiet aċċettati bdew bin-numru 201 u mhux bin-numru 001? Mit-390 applikazzjoni aċċettati mill-Awtorità tal-Ippjanar, jista' l-Ministru jgħid kemm minnhom jikkwalifikaw biex jieħdu l-fondi, inkluż l-ammont ta' spejjeż relatati u kemm minnhom qegħdin fuq il-lista ta' riserva u l-ammont ta' spejjeż relatati?

01/06/2023

## MOZZJONIJIET

**150. IL-MINISTRU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL, L-ONOR. CLYDE CARUANA, jipproponi:**

L-Ewwel Qari ta' Abbozz ta' Liġi msejjaħ "L-Att sabiex jemenda l-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi, Kap. 517".

31.05.2023

**134. IL-MINISTRU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET, L-ONOR. SILVIO SCHEMBRI, jipproponi:**

Illi l-Kamra tad-Deputati tapprova din ir-riżoluzzjoni:

**L-Ewwel Parti**

Illi b'att tan-Nutar Anthony Attard datat 11 ta' Frar, 1964, il-Gvern ta' Malta (il-Gvern) ikkonċeda b'titolu ta' enfitewsi temporanja porzjon ta' art f'Imgieret limiti ta' Ħal Luqa, b'kejl superfiċjali komplessiv ta' circa tmienja u għoxrin elf, erbgħa mija u disgħa u erbgħin metru kwadru (28,449 mk), kif tidher aħjar maqsuma f'erba' siti mmarkati bl-ittri u numri A, B2, C2 u D2 fil-pjanta PD 2019_0133_4, lill-kumpanija Poultry Products Co Ltd (C525). Il-konċessjoni saret għal disgħa u disgħin sena (99) b'dawk il-kundizzjonijiet u pattijiet inklużi fl-att (l-att enfitewtiku oriġinali) fosthom illi ċ-ċens ikun rivedibbli wara ħamsin (50) sena.

Illi s-sit enfitewtiku ġie diviż u trasferit lil erba' kumpaniji separati u distinti — MOSM Ltd (C 81391), Three MV Ltd (C 43203), Regeneration Projects Ltd (C 79690) u tal-Ħerba Enterprises Ltd (C 89659). Il-porzjon art trasferit lil kull kumpanija hija indikata u mmarkata bħala sit A, sit B2, sit C2 u sit D2 fil-pjanta PD 2019_0133_4.

Illi ċ-ċens ġie rivedut fl-għaxra ta' Frar 2014 għal ħamsa u ħamsin elf ewro kull sena (€55,000.00), skont l-att oriġinali. B'hekk iċ-ċnus proporzjonali għal kull sit trasferit huma €35,651.89 għal sit A, €8,964.00 għal sit B, €4,552.73 għal sit C u €5,831.00 għal sit D.

Illi dawn il-kumpaniji ffurmaw konsorzju msejjaħ 'Regeneration Projects Consortium' bil-għan illi l-art imsemmija hawn fuq flimkien ma' art oħra adjaċenti (li l-art tas-suġġett tat-tieni parti ta' din ir-riżoluzzjoni hija parti minnha), proprjetà franka u libera tal-istess konsorzju, tal-kejl ta' madwar sittax-il elf metru kwadru (16,000 mk), li kollox flimkien għandhom kejl superfiċjali ta' madwar tlieta u erbgħin elf u ħames mitt metru kwadru (43,500 mk), ikunu żviluppati prinċipalment f'kumpless industrijali u kummerċjali li jinkludi kumpless ta' mħażen, iżda jeskludi dak li hu magħruf bħala 'Logistics Hub'.

L-imsemmi użu prinċipali permissibbli jista' jkun ikkomplementat b'uffiċini, ażjendi ta' industrija ħafifa, stabbilimenti tal-ikel u xorb, day care nursery u postijiet ta' bejgħ bl-imnut. Iżda dawn għandhom dejjem ikunu meqjusa u operati fil-kuntest ta' użu sekondarju fin-natura tal-iżvilupp prinċipali. L-użu prinċipali għandu dejjem jibqa' bħala kumpless industrijali u kummerċjali li jinkludi kumpless ta' mħażen iżda b'ebda mod m'għandu jiżviluppa f'ċentru ta' loġistika skont ir-regolamenti viġenti tal-Ippjanar u l-Pjan Strateġiku għall-Ambjent u Żvilupp (PSAZ jew SPED).

Illi bis-saħħa ta' dan l-iżvilupp u l-viżjoni tal-konsorzju titkattar u titjieb l-ekonomija in ġenerali tal-pajjiż.

Illi għall-iżvilupp tas-siti lkoll flimkien jirrikjedi finanzjament konsiderevoli li waqt il-fażi inizjali tal-proġett l-konsorzju qiegħed jipproponi li jinvesti sa mhux anqas minn erbgħa u għoxrin miljun u ħames mitt elf ewro (€24.5 miljun).

Illi somma sostanzjali minn dan l-investiment huma ntiż sabiex jintużaw għal konsiderazzjonijiet ekoloġiċi u ambjentali, inter alia, tneħħija ta' fdalijiet tossiċi rimanenti mill-attività industrijali preċedenti bħalma huma żjut, kimiċi u asbestos li jinstabu fis-sit enfitewtiku u madwar.

Illi l-proġett huwa propost li jkun żviluppat f'binjiet ta' livelli minn baxx għal medju b'enfasi fuq teknoloġija ħadra avanzzata filwaqt li jiġi rispettat b'sensittività kull wirt kulturali li jista' jinsab fis-sit.

Illi mat-tlestija tal-proġett, li hu stmat li jdum biex jitlesta bejn tnejn u erbgħa snin mill-ħruġ tal-permessi ‘executable’, ikunu nħolqu mal-mitejn impjieg dirett ta’ diversi kategoriji, l-aktar f’dawk li huma meqjusa ‘skilled’ sa livell professjonali.

Illi preżentement l-użu permissibbli tas-sit enfitewtiku huwa kontrattwalment kondizzjonat minn klawsoli fl-att oriġinali li jistipulaw li:

*‘2. The Company shall use the emphyteutical land exclusively for the industrial purposes described hereafter and for such extension thereof as the Company may from time to time deem expedient.’.*

*‘3. The Company shall set up, equip, maintain and operate in a proper manner on the emphyteutical/ land a poultry breeding farm and shall carry on any activity related to such an enterprise. The farm which shall include a poultry processing plant a blast-freezing plant for the deep freezing of poultry and an egg-grading station shall be completed and be fully in operation within three years from the date hereof.’*

Għaldaqstant, huwa kruċjali li biex il-proġett ikun jista’ jseħħ, il-kundizzjonijiet imsemmija u l-klawsoli relatati magħha jiġu abrogati.

Għaldaqstant, abbażi tal-artikolu 79 tal-istess Kap. 573 tal-Liġijiet ta’ Malta, il-valur għat-tneħħija tal-kundizzjonijiet speċifikati hawn fuq ġie stmat minn tliet Periti ingaġġati mill-Awtorità tal-Artijiet (assistiti minn ditta ta’ awdituri).

Illi t-tneħħija tal-kundizzjonijiet ġiet valutata billi titħallas somma ta’ darba waħda biss favur il-Gvern ta’ żewġ miljuni, erbgħa mija u ħamsa u tmenin elf, mitejn u ħamsa u sittin ewro (€2,485,265).

Illi huwa wkoll evidenti li l-investiment propost jirrekjedi żmien sostanzjali sabiex l-investituri jirrealizzaw is-somom kbar li potenzjalment ikunu ġew investiti. Illi r-rimanenti żmien li fadal mill-enfitewsi temporanja kostitwit bl-att oriġinali tan-Nutar Anthony Attard datat 11 ta’ Frar 1964 sal-10 ta’ Frar 2063, u ċjoè erbgħin sena oħra (40 sena), ma jiġġustifikax l-investiment propost.

Illi għaldaqstant huwa maħsub illi t-terminu tal-enfitewsi għandu jiġi modifikat biex jiskadi wara ħamsa u sittin sena (65 sena) minn kull att ta’ modifika relattiv, b’tali mod illi ċ-ċens attwali jibqa’ mhux mittiefes sas-sena elfejn u tlieta u sittin (2063), is-sena tal-iskadenza attwali skont l-att oriġinali tan-Nutar Anthony Attard datat 11 ta’ Frar 1964, iżda ssir reviżjoni taċ-ċens fis-sena 2063 abbażi tal-valur frank u liberu ta’ dak iż-żmien tas-sit enfitewtiku mhux żviluppat.

**<u>It-Tieni Parti</u>**

Illi art ta’ madwar elfejn mija u żewġ metru kwadru (2,102 mk), kif kienet tinstab burdurata safra markata W,X,Y,Z fil-pjanta annessa mal-kuntratt tan-Nutar Anthony Attard datat 11 ta’ Frar 1964, kif inhi wkoll deskritta f’klawsola D fl-istess kuntratt tan-Nutar Anthony Attard datat 11 ta’ Frar 1964, hawn imsejħa u mmarkata ‘Site X’ fil-pjanta PD_2019_0133_4, illi hi parti minn art akbar li preċedentement kienet suġġetta għal enfitewsi perpetwa mhux rivedibbli, kostitwit minn terzi (mhux il-Gvern), favur l-Edible Oil Refining Company Limited, illum libera u franka proprjetà privata tal-konsorzju, hija suġġetta għall-kundizzjoni imposta mill-Gvern waqt bejgħ ta’ artijiet lill-istess kumpanija Edible Oil Refining Company Limited li jinsabu fil-viċinanzi. L-att ta’ dan it-trasferiment ukoll jinsab fl-atti tan-Nutar Anthony Attard, iżda datat 19 ta’ Awwissu, 1961.

Illi waqt il-kuntratt ta’ bejgħ, il-Gvern ikkondizzjona illi l-art imsemmija (art privata) ma tkunx żviluppata b’ebda bini, dana bħala miżura ta’ sigurtà minħabba li l-art per se kienet tiffronteġġja dik li f’dak iż-żmien kienet meqjusa bħala triq arterjali. Ta’ min jgħid iżda illi llum l-istess triq titqies li hija triq sekondarja.

Illi peress li kull żvilupp illum hu suġġett għall-permess mill-awtorità kompetenti skont ir-regolamenti tal-Ippjanar li jinkludu konsultazzjoni dwar maniġġar tat-traffiku, il-kundizzjoni imposta mill-Gvern f’dak iż-żmien tal-att m’għadhiex meħtieġa.

Illi għaldaqstant huwa propost illi l-kundizzjoni odjerna titneħħa limitatament għal dawk il-partijiet mill-art kondizzjonata fl-att tan-Nutar Anthony Attard datat 19 ta’ Awwissu, 1961 illi l-konsorzju ppjanaw illi jiżviluppaw għar-raġuni kif spjegat fl-ewwel parti ta’ din ir-riżoluzzjoni. L-artijiet huma dawk murija fil-pjanta

P.D. 2019_0133_5 - burdurati ħomor u mmarkati A, B u C li għandhom kejl komplessiv ta' circa sitt mija u dsatax-il metru kwadru (619 mk).
Hawn ukoll bħalma sar fil-każ tal-ewwel parti ta' din ir-riżoluzzjoni, abbażi tal-artikolu 79 tal-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta, il-valur għat-tneħħija tal-kundizzjoni ġie stmat minn tliet Periti ingaġġati mill-Awtorità tal-Artijiet.

Illi l-abbli Periti stmaw it-tneħħija parzjali tal-kundizzjoni imposta fuq l-art odjerna mill-Gvern fis-somma ta' ħames mija u erbgħa u erbgħin elf u seba' mija u għoxrin ewro (€544,720).

**Konklużjoni**

Billi skont id-definizzjoni ta' trasferiment fl-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kap. 573), bdil ta' kundizzjoni jikkostitwixxi trasferiment, u

Illi abbażi tal-artikolu 31 (g) B (iii) tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kap. 573) illi taqra hekk:

*31 (g) B (iii) II-kundizzjonijiet imposti f'kuntratt tal-enfitewsi jistgħu jiġu rinunzjati mill-awtorità kompetenti, jekk kemm-il darba l-enfitewta jħallas kumpens xieraq li jkun għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti biex twarrab dawk il-kundizzjonijiet;*

U billi huwa maħsub fl-artikolu 31, subartikolu (ċ) tat-Taqsima III tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kap. 573), li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu jistgħu jiġu trasferiti direttament (*jew jista' jsir tibdil ta' xi kundizzjoni*) skont ir-riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment. (*Kliem fil-parentesi miżjud*)

Billi hu maħsub xieraq li t-trasferimenti hawn fuq imsemmija jsiru skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut:

**Għall-Ewwel Parti**

Illi l-kuntratt enfitewtiku temporanju fl-atti tan-Nutar Anthony Attard datat 11 ta' Frar 1964 jiġi modifikat billi:

It-terminu tal-konċessjoni enfitewtika oriġinali jiġi modifikat sabiex jiskadi wara ħamsa u sittin sena (65 sena) mill-att ta' modifika.

Iċ-ċens relattiv għas-sit enfitewtiku, kif rivedut fl-2014 skont l-att oriġinali jibqa' ferm, ċjoè ħamsa u ħamsin elf ewro kull sena (€55,000.00 p.a.) sas-sena 2063. Illi fis-sena 2063 issir reviżjoni taċ-ċens abbażi tal-valur frank u liberu tas-sit enfitewtiku mhux żviluppat f'dak iż-żmien tar-reviżjoni.

Illi l-użu permissibbli tas-sit enfitewtiku jkun modifikat minn dak stipulat fl-att tan-Nutar Anthony Attard datat 11 ta' Frar 1964, kontra ħlas ta' somma ta' darba favur il-Gvern ta' żewġ miljuni, erbgħa mija u ħamsa u tmenin elf, mitejn u ħamsa u sittin ewro (€2,485,265) għall-użu alternattiv permissibbli skont ir-regolamenti tal-Ippjanar viġenti u kif deskritt fl-ewwel parti ta' din ir-riżoluzzjoni.

Dan kollu kif deskritt fl-abbozz ta' kuntratt ta' modifika hawn anness.

**Għat-Tieni Parti**

Illi l-kundizzjoni imposta li ma jkunx hemm żvilupp fuq is-sit immarkat 'X'fil-pjanta annessa PD 2019_0133_4, u kif kienet tidher kulurita safra fil-pjanta annessa mal-att tan-Nutar Anthony Attard datat 19 ta' Awwissu, 1961, tkun parzjalment abrogata - fuq dawk is-siti burdurati ħomor u mmarkati A, B u C fil-pjanta annessa P.D. 2019_0133_5 - kontra s-somma ta' darba favur il-Gvern ta' ħames mija u erbgħa u erbgħin elf u seba' mija u għoxrin ewro (€544,720).

Dan kollu kif deskritt fl-abbozz ta' kuntratt ta' modifika hawn anness.

26.04.2023

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

1. Abbozz Nru 53 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji – Tieni Qari – Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol

2. Abbozz Nru 35 – Abbozz ta' Liġi dwar il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija – Tieni Qari – Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

3. Abbozz Nru 20 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili – Tieni Qari – Ministru għall-Ġustizzja

4. Abbozz Nru 3 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja – Tieni Qari – Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi, u l-Ugwaljanza

5. Abbozz Nru 17 – Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika – Tieni Qari – Ministru għall-Ġustizzja

6. Abbozz Nru 18 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta – Tieni Qari – Ministru għall-Ġustizzja

7. Abbozz Nru 19 – Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti – Tieni Qari – Ministru għall-Ġustizzja

8. Abbozz Nru 23 – Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku – Tieni Qari – Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza

9. Abbozz Nru 40 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 3) – Tieni Qari – Ministru għall-Ġustizzja

10. Abbozz Nru 47 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili – Tieni Qari – Ministru għall-Ġustizzja

11. Abbozz Nru 50 – Abbozz ta' Liġi dwar l-Agrikoltura – Tieni Qari – Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali

12. Abbozz Nru 56 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent – Tieni Qari – Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża

13. Abbozz Nru 57 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u r-Regoli dwar it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi – Tieni Qari – Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur

14. Abbozz Nru 58 – Abbozz ta' Liġi dwar il-Fornituri ta' Servizzi ta' Finanzjament Kollettiv – Tieni Qari – Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol

15. Abbozz 59 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Professjoni tax-Xogħol maż-Żgħażagħ – Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

16. Abbozz Nru 37 – Abbozz ta' Liġi dwar Emendi u Tħassir ta' Liġijiet Varji dwar l-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali – Tielet Qari – Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali

17. Abbozz Nru 39 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 2) – Tielet Qari – Ministru għall-Ġustizzja

18. Estimi ta' Dħul u Nfiq ta' Jobsplus għas-sena finanzjarja 2023 – Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol – Votazzjoni

19. Estimi ta’ Dħul u Nfiq tal-Awtorità tal-Artijiet għas-sena finanzjarja 2023 – Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet – Votazzjoni

20. Estimi ta’ Dħul u Nfiq tal-Awtorità għall-Protezzjoni tal-Embrijuni għas-sena finanzjarja 2023 – Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa – Votazzjoni

21. Estimi ta’ Dħul u Nfiq tal-Awtorità tal-Ippjanar għas-sena finanzjarja 2023 – Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar – Votazzjoni

22. Estimi ta’ Dħul u Nfiq tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi għas-sena finanzjarja 2023 – Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża – Votazzjoni

23. Estimi ta’ Dħul u Nfiq tal-Awtorità tad-Djar għas-sena finanzjarja 2023 – Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affaordabbli – Votazzjoni

24. Estimi ta’ Dħul u Nfiq tal-Awtorità Maltija tat-Turiżmu għas-sena finanzjarja 2023 – Ministru għat-Turiżmu – Votazzjoni

25. Estimi ta’ Dħul u Nfiq ta’ Patrimonju Malta u Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali għas-sena finanzjarja 2023 – Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali – Votazzjoni

26. Estimi ta’ Dħul u Nfiq tal-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2023 – Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar – Votazzjoni

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**2 ta’ Ġunju 2023**

**KUMITATI TAL-KAMRA**

**KUMITAT GĦALL-KONSIDERAZZJONI TA' ABBOZZI TA' LIĠI**

Il-Kumitat għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi se jiltaqa'nhar it-**Tnejn, 5 ta' Ġunju 2023, fl-4.30 p.m.** fil-Kamra tal-Kumitati fil-Parlament b'din l-aġenda:

1. Konferma tal-Minuti;
2. Abbozz Nru 51 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja – Ministru għall-Ġustizzja, u

Abbozz Nru 28 – Abbozz ta' Liġi li jkompli jemenda l-Kodiċi Kriminali – Ministru għall-Ġustizzja
Abbozz Nru 49 – Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar l-Arrest u d-Detenzjoni mill-Pulizija (Kont.) – Ministru għall-Ġustizzja
Abbozz Nru 43 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Produzzjoni tal-Petroleum – Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol

**KUMITAT GĦALL-KONSIDERAZZJONI TA' ABBOZZI TA' LIĠI AĠĠUNT**

Il-Kumitat għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi Aġġunt se jiltaqa'nhar it-**Tlieta, 6 ta' Ġunju 2023, fl-4.00 p.m.** fil-Kamra tal-Kumitati fil-Parlament b'din l-aġenda:

nhar it-**Tlieta, 6 ta' Ġunju 2023, fl-4.00 p.m.**fil-Kamra tal-Kumitati fil-Parlament b'din l-aġenda:

1. Konferma tal-Minuti; u
2. Abbozz Nru 55 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Logħob – Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet.

**KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-KONTIJIET PUBBLIĊI**

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi se jiltaqa' nhar **it-Tlieta, 13 ta' Ġunju 2023, fis-2.00 p.m.** fil-Kamra tal-Kumitati fil-Parlament b'din l-aġenda:

1. Konferma tal-Minuti; u
2. Kontinwazzjoni tal-eżami tar-Rapport tal-Awditur Ġenerali *An Investigation of Matters Relating to the Contracts awarded to ElectroGas Malta Ltd by Enemalta Corporation*.

**KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-ĦATRIET PUBBLIĊI**

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Ħatriet Pubbliċi se jiltaqa' nhar **it-Tlieta, 13 ta' Ġunju 2023 fl-4.30 p.m.** fil-Kamra tal-Kumitati fil-Parlament b'din l-aġenda:

1. Konferma tal-Minuti; u
2. Smigħ fir-rigward tan-nomina tas-Sur Kenneth Farrugia għall-ħatra ta' Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Financial Intelligence Analysis Unit (FIAU)

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**2 ta' Ġunju 2023**